# L-approvazzjoni tal-Liġi għar-Restawr tan-Natura mill-Parlament Ewropew hi dawl ta' tama għal futur aħjar

## BirdLife Malta trodd ħajr lill-MEPs Maltin li kollha vvutaw favur il-liġi

BirdLife Malta, bħala parti minn BirdLife International – l-akbar sħubija ambjentali fid-dinja – hija sodisfatta u kuntenta li l-Liġi għar-Restawr tan-Natura (Nature Restoration Law) illum kienet approvata mill-Parlament Ewropew.

Mingħajr natura ma jkunx hemm ilma, arja jew ħajja għad-detriment ta' kulħadd u għad-detriment tal-benesseri tal-bniedem. Dak li seħħ illum jirrappreżenta opportunità storika biex nirrestawraw in-natura tal-Ewropa. Fi żmien meta r-reġjun jinsab mifni b'għargħar, nixfa u nirien, din il-liġi se tgħin biex ikun żgurat futur aktar b'saħħtu u aktar sigur għall-Ewropej.

Din ir-rebħa għan-natura u għan-nies seħħet minkejja sforzi tal-aħħar minuta li saru minn gruppi konservattivi u tal-lemin estrem, u kampanja ta' diżinformazzjoni minn lobbies kontra n-natura biex jippruvaw iwaqqfu din il-liġi. Kienet sena twila mimlija negozjati, diskussjonijiet, dibattiti u lobbying u minkejja t-tentattiv finali biex il-liġi tinqatel għalkollox, il-maġġoranza tal-Membri Parlamentari Ewropej urew rispett lejn il-proċess demokratiku u leġiżlattiv, u approvaw in-Nature Restoration Law biex taw dawl ta' tama għal futur aħjar.

**Il-koalizzjoni #RestoreNature, iffurmata minn BirdLife Europe, ClientEarth, il-European Environmental Bureau (EEB), u l-World Wildlife Fund (WWF) EU, iddikjarat:** "In-Nature Restoration Law minn dejjem kienet aktar minn sempliċi liġi biex nirrestawraw in-natura. Hija simbolu li l-Ewropa tista', u qiegħda timpenja ruħha li tiġġieled għas-sopravivenza tal-pjaneta. Aħna kuntenti li l-MEPs taw kas il-fatti u x-xjenza, u ma ċedewx għall-populiżmu u għax-xnigħat li ppruvaw iqajmu xi wħud biex ibeżżgħu. Issa, inħeġġu lill-Istati Membri biex ikomplu fuq dawn il-passi u japprovaw din il-liġi tant meħtieġa biex nirrestawraw in-natura fl-Ewropa".

**Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana qal:** "BirdLife Malta b'sodisfazzjon tinnota li l-MEPs Maltin kollha vvutaw favur din il-liġi u filwaqt li nroddulhom ħajr, inħeġġuhom ilkoll biex ikomplu jaħdmu favur il-ħarsien tan-natura. Nawguraw lit-timijiet tal-policy fi ħdan BirdLife Europe, ClientEarth, l-EBB u l-WWF EU tal-ħidma qawwija li wettqu, li għal darba oħra wriet verament kemm hi b'saħħitha l-vuċi ta' dawk li jridu futur aħjar u aktar b'saħħtu. Permezz tal-kampanja #RestoreNature, aktar minn miljun ċittadin, negozji, xjenzati u NGOs talbu lill-Parlament Ewropew biex iħejji t-triq biex din il-liġi, l-ewwel waħda tat-tip tagħha, issir realtà."

L-aħħar pass fil-proċess issa huwa li l-ftehim jirċievi l-approvazzjoni finali min-naħa tal-Istati Membri tal-UE, xi ħaġa li mistennija sseħħ f'Marzu jew April ta' din is-sena.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org